MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2011

Rikors Numru. 262/2011

**A B**
**vs**
**C sive D E gia B E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent li permezz tieghu r-rikorrenti pprezenta u talab hekk:

Illi l-partijiet izzewgu fil-hdax (11) ta’ Lujlu tas-sena elf disa’ mija disgha u disghin (1999); u minn dan iz-zwieg ma twildux ulied.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati in forza ta’ kuntratt in atti Nutar Dottor Margaret Heywood sa mit-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006) u dana skont il-kopja tal-kuntratt tas-separazzjoni personali hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom sitt snin mifrudin minn ma' xulxin, illum ghandhom hajja totalment separata minn ma' xulxin u r-rikorrenti sahansitra fforma rabta soda u relazzjoni stabbli ma' persuna ohra tant li ghandu tarbija.

Illi skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni personali, senjatament il-klawsola numru 3 il-partijiet iddekadew reciprokament ghad-dritt ta' manteniment fil-konfront ta'xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kunidizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbloi Qorti joghgobha:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata li fiha ppremettiet illi zewgha illi minnu llum hija tinsab legalment separata jidher illi ghandu l-ezigenzi legali u emottivi tieghu u ghaldaqstant ma thossx illi ghandha bi kwalunkwe mod, anke jekk minimu, tipprova tostakola lili milli jilhaq u jissodisfa dawn l-ezigenti tieghu; illi l-esponenti tirrileva umilment pero illi m'ghandhiex tkun hija illi tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri anke tenut kont tal-fatt illi hija ma kellha l-ebda intenzjoni illi tipprocedi ghall-hall taz-zwieg *de quo*; ghalhekk tirrimetti ruhha ghall kwalunkwe pronunzjament illi din l-Onorabbli Qorti jogghobha taghmel, titlob lil din l-Onorabbli Qorti illi tordna illi l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri jkunu esklussivament a karigu tar-rikorrenti.

Rat l-att tal-kawza;

Semghet il-partijiet bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet; u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------